# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 597/2011 MH**

**Illum, 26 ta' Jannar, 2018**

**Nicholas Micallef (KI 254064M)**

**vs**

**Zrar Ltd (C 6245) u Bonnici Brothers Contractors Ltd (C 21406)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat ta' l-attur Nicholas Micallef tat-22 ta' Gunju 2011** li permezz tieghu premetta:

*"1. Illi r-rikorent kien impjegat mas-socjeta Bonnici Brothers Contractors Ltd bhala "welder" part time li konsegwentement minhabba transfer ta' business safa registrat ma' Zrar Limited.*

*2. Illi fil-11 ta' Awwissu 2009, ir-rikorrent waqt illi kien qieghed fuq xogholu, qed jaqdi dmirijietu ta' welder korra serjament u cioe' ntlaqat min ghatu tal-hadid fuq l-irkoppa leminija.*

*3. Illi minhabba dan l-istess incident huwa qatt ma gie ghan-normal, u dank if jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat Dok A, tant illi hu ma setax jkompli fis-sengha tieghu ta' welder.*

*4. Illi ghall-istess incident, li hu safa vittma, u danni konsegwenzjali hi unikament responsabbli s-socjeta' intimata minhabba li ma hadux il-mizuri li kellhom jiehdu sabiex tassigura li l-post tax-xoghol huwa nieqes mill-periklu ghal min jahdem maghha, kif jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*5. Illi s-socjetajiet intimati ghalkemm debitament interpellati sabiex jersqu ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni mir-rikorrent b' konsegwenza ta' dan l-incident sahansitra permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' April 2010, annessa u mmarkata bhala Dok B, baqghu inadempjenti.*

*Jghidu ghalhekk is-socjetajiet intimati jew min minnhom ghaliex ghar-ragunijiet permessi din l-Onorabbli Qorti m' ghandiex:*

1. *Tiddikjara li s-socjetajiet intimati jew min minnhom responsabbli ghall-incident, li gara fil-11 ta' Gunju 2009 waqt illi r-rikorrenti kien fuq il-lant tax-xoghol lilu ndikat mid-dirigenti tas-socjetajiet intimati, u waqt il-hin tax-xoghol f' liema incident l-attur korra serjament.*
2. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent minhabba dan l-incident, occorendo bl-opera ta' perit nominandi.*
3. *Tikkundanna lis-socjetajiet intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti id-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' April 2010 kontra s-socjetajiet intimati u r-rapprezentati guridici taghhom li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta guramentata kongunta tas-socjetajiet intimati Zrar Limited u Bonnici Brothers Contractors Limited tat-13 ta' Settembru 2011**[1] li permezz taghha ressqu dawn l-eccezzjonijiet:

*"1. Illi l-ewwel talba tar-rikorrent in kwantu diretta kontra s-socjetajiet esponenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess rikorrent u dan peress illi l-istess socjetajiet intimati mhumiex responsabbli ghall-incident de quo.*

*2. Illi t-tieni talba tar-rikorrent ghandha ghalhekk tigi rigettata stante li ma hemmx danni x' jigu likwidati favur l-istess rikorrent. Fi kwalunkwe kaz* ***u minghajr pregudizzju ghall-premess,*** *l-entita' tad-danni pretizi mir-rikorrent huwa kontestat u ghaldaqstant l-istess ghandu jaghmel il-prova tad-danni skond il-ligi.*

*3. Illi t-tielet talba tar-rikorrent ghandha ukoll tkun michuda peress illi s-socjetajiet esponenti m'ghandhomx jigu kostretti jhallsu ebda danni lill-istess rikorrent.*

*4. Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-Ligi."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-rikors guramentat.

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda u l-affidavits prezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat ir-rapporti medici tal-espert mediku nominat minnha Mr Massimo Abela[2].

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

---

[1] Fol 31-32

[2] Fol 47 et seq u fol 161 et seq

**Ikkunsidrat:**

L-attur kien mpjegat bhala *welder* mas-socjeta' konvenuta Bonnici Brothers Contractors Limited fuq bazi *part-time* u dan sa minn Frar 2005. Minhabba trasferiment ta' negozju huwa gie registrat mas-socjeta' konvenuta l-ohra Zrar Ltd. Nhar il-11 ta' Gunju 2009[3] l-attur korra waqt incident fuq il-post tax-xoghol u qieghed jatribwixxi r-responsabilta' tal-akkadut lill-konvenuti jew min minnhom. Huwa qed jitlob lill-Qorti tillikwida u tordna l-hlas tad-danni konsegwenzjali.

Il-konvenuti jirrespingu l-pretensjonijiet tal-attur billi jichdu kwalunkwe tort ghall-akkadut.

**Ikkunsidrat:**

**A. DINAMIKA TAL-INCIDENT TAL-11 TA' GUNJU 2009**

Fil-hin tal-incident l-attur kien wahdu u ghalhekk ma kien hemm ebda xhieda okulari li raw dak li sehh.

**L-attur** jghid[4] li nhar il-11 ta' Gunju 2009 filghodu kmieni huwa ntalab mill-imghallem tieghu sabiex jaghmel tiswijiet fuq forma tal-hadid li tintuza sabiex isiru fiha blokki tal-konkos ta' qies 3x1x1 metri. L-imghallem qallu wkoll biex dan ix-xoghol isir b'urgenza peress li kien hemm bzonn kbir ghalihom minhabba x-xoghlijiet li kienu qed isiru fit-triq ta' Wied il-Ghajn u t-triq ta' Haz-Zabbar. Dawn it-tip ta' tiswijiet kienu prattikament isiru mill-attur peress li l-welders l-ohra ma kellhomx esperjenza daqsu fuq dan it-tip ta' xoghol ghax ma kinux ilhom wisq jahdmu hemm. Madankollu peress li ftit tal-hin wara ntbaghat jaghmel bicca xoghol ohra gewwa s-Siggiewi, l-attur irritorna ghal habta tas-2.30pm u sab kollox kif kien hallih hu. Staqsa lix-xufier tal-lifter sabiex iressaqlu l-forma fejn il-garaxx tal-welders sabiex inaddafha bil-*power wash* u jkun jista' jahdem fuqha. Wara li hasilha, dahhalha fil-garaxx u poggiha fuq par strippi sabiex ikun jista' jahdem fuqha. Hu u certu Joe Tabone ghalqu l-forma ghall-habta tal- 4.05pm u wara dan, Tabone telaq. L-attur baqa' wahdu jahdem ghax ma kien fadal hadd li seta' jghinu peress li l-foreman Mario Cutajar kien mar lejn l-ufficcju ghal habta tat-3.30pm. Huwa ried ilesti dan ix-xoghol ghax kien urgenti u mportanti.

---

[3] Data erroneament indkata bhala 11 t'Awissu 2009 fil-premessi tar-rikors promotur
[4] Xhieda a fol 63et seq u affidavit a fol 69 et seq

L-attur sahhan bl-acitilena il-parti tal-forma fejn kien mghaffeg u wweldja c-cappetti li kien hemm imqaccta. Huwa jghid hekk:

"*Nghid li kont spiccajt wahdi fuq il-lant tax-xoghol ghalkemm suppost kelli l-ghajnuna mieghi biex inkompli nesegwixxi x-xoghol. Nghid li l-foreman kien telaq u malli pruvajt niftah din il-forma fil-fatt sehh l-incident"*[5]

*"Kienu saru xi l-16.35 u jien mort biex niftah il-forma halli niccekkja jekk gietx tajba ghax-xoghol. Wara li ftaht il-locks ta' fuq, f'salt wiehed din infethet u sfajt imwegga'. Niftakar li spiccajt bilqeghda mal-art u saqajja mdendla fuq stand tal-hadid li nuza biex inserrah il-hadid fuqu. Kont mugugh hafna u bdejt nghajjat bl-ugiegh. Wara ftit ilmaht lil Michael Garufi ghaddej minn quddiem il-garage u bdejt nghajjatlu u semaghni. Kien hemm ukoll Carmelo Cassar jirranga xi puncture tat-trakk u Garufi qallu biex jigi ukoll ghax jien kont weggajt. Cemplu wkoll ghall-ambulanza li giet wara ftit u haditni l-isptar Mater Dei."*[6]

## B. DIZABILITA' PERMANENTI

Jirrizulta li malli l-attur ittiehed l-isptar wara l-incident sarulu diversi testijiet u spicca fis-sodda bil-piz ghax kellu nefha kbira f'irkoptu. Ftit jiem wara l-incident saritlu operazzjoni fejn ghamlulu *external fixator* madwar saqajh u sussegwentement, f'Mejju 2011, l-attur gie sottopost ghal operazzjoni ohra ta' *knee replacement* gewa l-Ingilterra. L-attur jilmenta li b'rizultat ta' l-incident *de quo* ghadu jkun mugugh hafna u ma rax wisq progress. Jghid li siequ qatt ma giet lura ghal li kienet qabel u ghadu jzappap biex jimxi u jbati meta jigi biex jitla t-tarag. Ma joqghodx fuq saqajh bilwieqfa ghal tul ta' hin u jimxi ftit fil-wita, hafna drabi bil-krozzi biss. Ilmenta wkoll minn ugiegh f'dahru kawza tal-fatt li jimxi hazin minhabba rkoptu. Inoltre, maz-zmien huwa jkollu jerga' jghaddi minn operazzjoni ohra ta' *knee replacement* peress li din isservi ghal hmistax -il sena[7].

**Omm l-attur, Carmela Micallef** tixhed li hu ghamel diversi xhur jghix band'ohra wara li gie rilaxxjat mill-isptar wara l-incident peress li fid-dar kien hemm zewg sulari tarag u hu ma seatx jitlaghhom[8].

**L-eks siehba tal-attur Giovanna Micallef** tghid li meta gie rilaxxjat mill-isptar wara l-incident l-attur kien ghamel diversi xhur jghix ghandha peress li hija

[5] Fol 64
[6] Fol 70
[7] Affidavit a fol 70-71
[8] Affidavit a fol 40

toqghod fi pjan terran. Dak iz-zmien huwa kien juza l-*wheel chair* ghax ma setax jimxi[9].

**Rapport mediku ex parte** mhejji mill-konsulent u kirurgu ortopediku **Mr Raymond Gatt**[10] jikkonkludi li wara li gie nvistat diversi xhur wara l-incident f'Jannar 2010 –

*"Mr Micallef is still suffering from the residual problems of a major injury to the right knee. Both the clinical examination and the radiological features suggest major destruction to the right knee joint with resultant deformity and gross osteoarthritis. Conservative management which the patient has undergone so far is proving ineffective and future surgical options are on the cards which will major reconstructive surgery. This patient is barely doing activities of daily living as far as his knee is concerned."*

Dan il-konsulent iklassifika l-injury tal-attur bhala *"severe impairment of the knee and constitutes 14% Whole Person impairment."*

**L-espert mediku nominat mill-Qorti Mr Massimo Abela** ezamina lill-attur fl-1 ta' Frar 2012 u fir-rapport tieghu ikkonstata li[11] –

- Meta l-attur iddahhal l-isptar immedjatament wara l-incident *de quo* nstab li kien kiser il-qasba tas-sieq tal-lemin. Ghamlulu '*pin*' tal-hadid fl-ghadma tal-gharqub u ghamlulu l-piz minnu;

- Fit-18 ta' Gunju 2009 saritlu operazzjoni fuq il-ksur li kellu – *Hybrid external fixator*;

- Ftit granet wara qajmuh jimxi bil-krozzi u fit-30 ta' Gunju 2009 l-attur intbaghat id-dar. Huwa baqa' jattendi ghall-visti bhala *outpatient* u ghall-fizjoterapija;

- Fit-2 ta' Settembru 2009 tnehhielu l-*external fixator* u fis-16 ta' Dicembru 2009 rega' ddahhal l-isptar biex issirlu manipulazzjoni tal-irkobba taht loppju generali minhabba l-fatt li din baqghet iebsa (*stiff*). Inzamm l-isptar sat 22 ta' Dicembru 2009 biex tkun tista' ssirlu fizjoterapija ntensiva madankollu l-irkobba baqghet iebsa;

---

[9] Xhieda a fol 45B u 45C
[10] Fol 4 et seq
[11] Fol 47 et seq

- Fl-24 ta' Mejju 2011 l-attur sarlu intervent ta' *total knee replacement* gewwa l-Ingilterra u huwa rritorna Malta fit-3 ta' Gunju 2011. L-irkobba izda regghet ibbieset minkejja l-fatt li ghamel hafna fizjoterapija u anke *serial casting*;

L-ezami mediku li sar minn Mr Abela wera li l-attur izappap meta jimxi u juza zewg krozzi. Minhabba l-eghbusija fl-irkobba tal-lemin mhux kapaci jimxi fuq l-gharqub u l-ponot ta' subajh. Ghalkemm l-irkobba hija stabbli l-attur jista' jirwiha biss limitatament. L-ezami newrologiku (sahha fil-muskoli, sensazzjoni u riflessi) huwa normali ghal kollox.

L-opinjoni medika ta' dan l-espert hija li b'rizultat tal-incident tal-11 ta' Gunju 2009 l-attur –

*"Garrab ksur serju hafna tal-parti ta' fuq tal-qasba tas-sieq (tibia). Il-ksur kien jestendi gol-irkobba (tibial plateau). Saritlu operazzjoni biex jissewwa l-ksur, izda sfortunatament l-irkobba ibbiset u zviluppa artrite (post-traumatic osteoarthritis) fiha. Sabiex tigi kkurata kemm l-artrite kif ukoll l-eghbusija saritlu "Total Knee Replacement", go centru specjalizzat fl-Ingilterra. <u>Sfortunatament baqa' b'eghbusija kbira fl-irkobba u jista' jharrek il-gog bi 30 grad u ma jistax jidritta l-irkobba ghal kollox u ghaldaqstant jimxi b'irkobba mawga</u>."*[12]

<u>**Fil-fehma ta' dan l-espert mediku, ir-rata ta' dizabilita' permanenti tal-attur hija ta' 20%.**</u>

Sussegwentement, u wara digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Marzu 2015[13], Mr Massimo Abela rega' ezamina lill-attur fis-27 ta' Marzu 2015[14] u kkonkluda li, kif previst fir-rapport mediku precedenti, l-istess attur kien ghadu jilmenta minn problemi funzjonali kbar fl-irkobba tal-lemin. Minkejja l-fatt li ghamel hafna fizjoterapija u saret operazzjoni ohra hu ghad ghandu ebusija kbira fl-istess irkobba. Issemmiet il-possibilta' li fi zmien ftit xhur issir *Revision Total Knee Replacement* biex jigi ameljorat il-moviment tal-irkobba. Ir-rigel tal-lemin gie meqjus bhala wiehed normali hlief ghall-ebusija severa tal-irkobba in kwistjoni. M'hemm ebda difett fin-nervituri jew ic-cirkolazzjoni, jew feriti/infezzjonijiet kronici fir-rigel tal-lemin. Ghaldaqstant amputazzjoni tar-rigel zgur li ma hix indikata f'dawn ic-cirkustanzi.

[12] Enfasi ta' din il-Qorti.
[13] Fol 103
[14] Rapport a fol 161 et seq

## C. RESPONSABILTA' GHALL-INCIDENT

Fix-xhieda tieghu l-attur jghid li minhabba l-qies kbir tal-forma tal-*concrete* normalment kienu jkunu aktar minn welder wiehed biex jaghtu l-ghajnuna lil xulxin u kien ghalhekk li kienet issir waqt il-hin regolari tax-xoghol u mhux wara[15] –

*"Mistoqsi fil-fatt jekk meta kont niftah il-forom jekk kontx naghmlu wahdi dan ix-xoghol nghid li wara l-hin qatt m'ghamiltha. Dejjem matul il-gurnata u konna nkunu 3 welders nghinu lil xulxin."*

L-attur jatribwixxi responsabilta' lill-konvenuti ghax fil-hin ta' l-incident il-konvenuti ma pprovdewlux l-ghajnuna li kellu bzonn biex iwettaq ix-xoghol li kien qed jaghmel. Huwa jghid hekk[16] –

*"….kieku dakinhar kelli persuna ohra mieghi kif suppost jigri fil-kazijiet simili meta jkun qed isir xoghol fuq oggetti kbar u tqal, jien ma kienx jigrili li grali u ma kontx inwegga'.*

*Nghid li l-unika raguni li ma kellix persuna ohra mieghi kienet ghax fl-opinjoni tieghi l-kumpanija trid taghmel l-ekonomija u dan a skapitu tal-haddiem."*

Minn naha taghhom is-socjetajiet konvenuti jichdu li huma ghandhom igorru xi responsabbilta' ghall-akkadut. **Edward Mario Bonnici, *plant manager* taz-zewg socjetajiet** konvenuti[17] jibda biex jghid illi l-attur kien inghata tahrig dwar sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol u kien inghata anke l-ilbies protettiv mehtieg. Bonnici jghid ukoll li persuna wahedha ma tistax tiflah ghal piz tal-bieba tal-forma bhal dik li kien qed jahdem fuqha l-attur. Fil-fehma tal-konvenuti ghalhekk huwa l-attur li jahti unikament ghall-incident ghax huwa kien imissu talab ghall-ghajnuna biex tinfetah il-bieba permezz ta' haddiema ohra jew permezz tal-*forklifter*, haga li huwa naqas li jaghmel.

*"Din pero m'hiex il-prattika ta' xoghol f'cirkostanzi bhal dawn u dan ghaliex huwa ovvju illi persuna wahdeha ma tistax tiflah ghal piz tal-bieba. Micallef kien messu uza l-forklifter, illi jinsab vicin, sabiex jnizzel il-bieba u mhux jipprova jerfaha wahdu. Din ma kienitx l-ewwel okkazjoni illi Micallef kien ghamel xoghol fuq din il-forma (jew bhala) u kien anke sahansitra ghamel uzu mill-forklifter."*

---

[15] Fol 66
[16] Fol 71
[17] Affidavit a fol 97 et seq

Esposti l-pozizzjonijiet rispettivi tal-partijiet dwar ir-responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni, il-Qorti tsejra tghaddi biex taghmel is-segwenti osservazzjonijiet legali u gurisprudenzjali -

**L-artikolu 1033 tal-Kodici Civili** jipprovdi hekk:

*"Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."*

Peress li l-incident in kwistjoni gara fuq il-post tax-xoghol, japplika wkoll l-**Att dwar l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol (Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta)** li jobbliga lil min ihaddem biex jiggarantixxi ambjent sikur ghas-sahha u s-sigurta' tal-impjegati tieghu kif ukoll li jforni lill-impjegati tieghu bil-mezzi kollha u bl-apparat necessarju ghal dan il-ghan.

Fl-artikolu 6 tieghu, dan l-Att jestabilixxi li -

***"6.*** *(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*

*Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:*

*Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem.*

*(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –*

*(a) li jiġi evitat riskju;*
*(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*
*(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
*(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
*(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*
*(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*
*(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għazla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*
*(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*
*(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.*
*(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (2), min iħaddem għandu jipprovdi dik l-informazzjoni, dak it-tagħlim, dak it-taħriġ u dik is-superviżjoni li huma meħtieġa biex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol.*
*(4) Min iħaddem għandu jiżgura li f'dawk il-postijiet tax-xogħol fejn jaħdem għadd suffiċjenti ta' ħaddiema, għandhom jiġu eletti, magħżulin jew mod ieħor nominati, persuna jew persuni bħala r-Rappreżentant jew ir-Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema, u liema rappreżentanti jiġu konsultati minn qabel u fi żmien raġonevoli minn min iħaddem dwar dawk il-ħwejjeġ li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol."*

**L-Avviz Legali 36 tal-2003 intitolat "Regolamenti dwar Dispozizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol"** ikompli hekk -

***4.** (1) Ghandu jkun id-dmir ta' min ihaddem li jizgura s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol.*
*(2) Min ihaddem ghandu jaghmel dawk l-arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoragg u revizjoni tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet u d-daqs ta' l-impriza.*
*(3) Min ihaddem ghandu jiehu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan ghandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdi informazzjoni u taghrif kif mehtieg: Izda ghal dawn l-ghanijiet, min ihaddem ghandu jipprovdi l-organizazzjoni u l-mezzi necessarji li bihom jizgura l-grad ta' standards ta' sahha u sigurtà mehtiega fuq il-post tax-xoghol:*

*Izda wkoll, bl-ghan li jitjiebu s-sitwazzjonijiet ezistenti, min ihaddem ghandu jkun attent ghall-bzonn ta' aggustament jew emenda ta' dawk il-mizuri mehuda biex jipprotegu s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema waqt li jikkunsidra c-cirkostanzi li jinbidlu.*

***5.** Minghajr hsara ghall-generalità tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, min ihaddem ghandu, wara li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet ta' l-impriza u, jew ta' l-istabbiliment –*
*(a) jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xoghol u ghandu jevita riskji ghas-sahha u s-sigurtà;*
*(b) jevalwa dawk ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema li ma jistghux jigu evitati u ghandu jikkontrollahom mill-bidu;*
*(c) jadatta x-xoghol ghall-individwu, specjalment fejn jidhol id-disinn tal-postijiet tax-xoghol, l-ghazla tat-taghmir tax-xoghol u l-ghazla tal-metodi tax-xoghol u tal-produzzjoni, bil-hsieb partikolarment li jitnaqqas ix-xoghol monotonu u xoghol b'rata determinata minn qabel u li jitnaqqas l-effett taghhom fuq is-sahha."*

L-istess Att jipprovdi wkoll dwar **id-dmirijiet u l-obbligi tal-haddiema** -

***7.** (1) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li*

*jkun qiegħed isir.*
*(2) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jikkoopera ma' min iħaddem u mar-Rappreżentant jew Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol għal dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà."*

**L-Avviz Legali 36 tal-2003** imsemmi jkompli hekk:

***"15.** (1) Ghandu jkun id-dmir ta' kull haddiem li jiehu hsieb kemm jista' jkun is-sahha u s-sigurtà tieghu stess kif ukoll dawk ta' persuni ohrajn li jistghu jkunu affettwati bl-atti jew nuqqasijiet tieghu skond it-taghrif u l-istruzzjonijiet moghtija minn min ihaddem.*
*(2) Minghajr pregudizzju ghall-generalità ta' dan kollu, ghandu jkun id-dmir tal-haddiem li:*
*(a) jaghmel uzu korrett tal-makkinarju, apparat, ghodda, sustanzi perikoluzi, taghmir tat-trasport u mezzi ohrajn ta' produzzjoni;*
*(b) jaghmel uzu korrett tat-taghmir protettiv personali moghti lilu u, wara l-uzu, jirritornah f'postu;*
*(c) ma jiskonnettjax, jibdel jew inehhi b'mod arbitrarju l-mezzi ta' sigurtà uzati, ma' makkinarju, apparat, ghodda, impjanti u bini, u li juza dawn il-mezzi ta' sigurtà b'mod korrett;*
*(d) jinforma immedjatament lil min ihaddem u, jew lill-haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema b'xi sitwazzjoni tax-xoghol li jkollu ragunijiet jikkunsidra li tipprezenta periklu serju u imminenti ghas-sahha u s-sigurtà u b'xi nuqqasijiet fl-arrangamenti ta' protezzjoni;*
*(e) jikkopera ma' min ihaddem u ma' haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema, ghat-tul ta' zmien necessarju sabiex jitlesta x-xoghol jew htigijiet imposti mill-Awtorità sabiex jigu protetti s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema fuq ix-xoghol;*
*(f) jikkopera ma' min ihaddem u, jew ma' haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema, ghat-tul ta' zmien necessarju sabiex min ihaddem jizgura li l-ambjent tax-xoghol u l-kondizzjonijiet tax-xoghol ikunu minghajr periklu u li ma jpoggu l-ebda riskju ghas-sahha u s-sigurtà fil-qasam ta' l-attività taghhom."*

Fil-kaz **Saviour Farrugia vs Korporazzjoni Enemalta deciz fit-18 ta' Marzu 2016**[18] din il-Qorti elenkat rassenja ta' gurisprudenza dwar l-obbligi legali ta' min ihaddem u tal-haddiema -

*"Il-principji legali appena citati gew ripetutament riaffermati mill-Qrati taghna. Il-kaz fl-ismijiet* ***Kenneth Borg vs FXB Joiners Ltd et*** *deciz fis-26 ta' Gunju 2014 jigbor fih sintezi ta' gurisprudenza dwar id-dmirijiet kemm ta' min ihaddem u anke tal-haddiema:*

*"Dak li hu importanti hu, li kif intqal fil-kawza, fl-ismijiet "****John Sultana vs Francis Spiteri et noe****", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 1979, "min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem."*

*Gie ritenut ukoll li a safe system of work u a safe working environment ifissru li min ihaddem hu obbligat li jassigura li "l-makkinarju u l-istrutturi provduti minn min jaghti x-xoghol ghandhom jigu regolarment mantenuti u mizmuma hielsa minn difetti u mankanzi" - "****Julie Scicluna pro et noe vs Sammy Meilaq nomine et"*** *(Citazzjoni numru 11/92DS).*

*Inoltre, gie ndikat li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jara wkoll li l-haddiema tieghu jkunu mharrga ghat-tip ta' xoghol li jkunu mqabbda jaghmlu. Il-hsieb legali fil-materja gie spjegat mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-kawza bl-ismijiet* ***"Francis Buhagiar et vs Segretarju tal-Ufficcju tal-President ta' Malta et"*** *- deciza fid-29 ta' Mejju 2009. Il-Qorti skartat it-tezi li "tezisti xi forma ta' strict liability, jew responsabbilta' oggettiva li tpoggi lill-imghallem li jaghmel tajjeb - billi jerfa' r-responsabbilta` – tas-sinistru li jkun sehh". Kompliet "Kif tajjeb gie elaborat mill-ewwel Qorti, is-sistema legali taghna dwar responsabbilta` fejn jirrizulta event dannuz hija 'fault-based.' Fi kliem iehor f'kull kaz irid ikun hemm nexus ta' bejn il-kawza u l-effett ghal dak li jkun gara."*

*Fil-kaz citat, il-Qorti ta' l-Appell osservat li x-xoghol li l-attur/appellant kien gie mqabbad li jaghmel kien jinvolvi xejn riskjuz - ma nghatax attrezzi difettuzi u lanqas kien jirrizulta xi forma ta' ness bejn l-event dannuz u r-responsabbilta` tal-"employer" talli ma pprovdiex "a safe system of work" lill-impjegat tieghu.*

*Kif gie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet* ***"Bugeja vs Montanaro Gauci"*** *- deciza 14 ta' Mejju 2004, "huwa daqstant importanti fil-kuntest ta' responsabbilta` lill-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-icken possibilita ta' infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa*

[18] Rik Gur 852/12. Mhux appellata.

*generalment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi "a safe place of work".*

*Hu daqstant minnu izda, li, min ihaddem, hu obbligat ukoll li jipprovdi kontra l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal li jaqghu fiha l-haddiema u li hafna drabi hi ndotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali (ara "***Grech vs Farrugia***", deciza mill-Onorabbli Qorti talAppell fis-7 ta' Dicembru, 1994). Hekk ukoll gie ritenut fil-kawza "***Borg vs Wells***" (deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru 1981) "In planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless in works involved in their daily work" u " dan tenut kont ta' l-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol u nuqqas ta' haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu".*

*Pero' huwa dejjem l-obbligu tal-haddiem li joqghod attent waqt l-ezekuzzjoni ta' xogholu - ghalhekk min ihaddem m'ghandux ikun tenut li jipprovdi kontra negligenza grassa, ghax anke l-haddiem hu mistenni li joqghod attent u juza d-diligenza fuq il-post tax-xoghol. Il-haddiem ghandu jkun konxju tal-perikoli fuq ix-xoghol, u m'ghandux jaghmel manuvri azzardati li jzidu r-riskju tal-hsara (ara "***Sciriha vs O'Flaherty noe***", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Mejju, 1994).*

*Dwar il-provi li jridu jingiebu u l-onu ta' l-istess insibu fil-kaz* ***Raymond Psaila vs Pisciculture Marine de Malte Limited*** *deciza fid-29 ta' Settembru 2011 fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

*"Illi bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh ;*

*Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "a safe system of work") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta'*

*responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem. Huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi;*

*Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq, u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru;*

*Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem m'hijiex waħda li ta' bilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "strict liability").*

*Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta', u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm il-darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel;"*

*Dawn il-principji gew ukoll ripetuti fil-kawza fl-ismijiet* ***Emmanuel Spiteri vs G.S.C. Limited*** *deciza fil 5 ta' Ottubru, 2010: P.A. 671/1997/1 JRM -*

*"Illi l-Qorti tibda biex tghid li fejn jidhol korriment (jew mewt) waqt il-qadi tax-xogħol li wiehed ikun tqabbad jagħmel, il-prova tar-responsabbilta` ta' dik il grajja xorta wahda taqa' fuq min ikun indarab (jew dawk li jigu minnu). Il-fatt waħdu li persuna tkorri (jew tmut) fuq il-post tax-xogħol ma tfissirx awtomatikament it-tqegħid tar-responsabbilta' fuq l-imgħallem u l-ħelsien għal kollox tal-parti midruba mill-ħtiega li tipprova l-allegazzjoni tagħha. Dan hu skond ir-regola ewlenija tad-dritt procedurali li min jallega jrid jipprova bl-*

*ahjar mod li titlob il-ligi. Tal-anqas, il-parti attrici tkun trid turi tajjeb biżżejjed li sehh dak l-incident u li min-naha taghha (jew l-awtur taghha) jkun sar dak kollu li juri li dak li gara ma jkunx ingab b'idejn dak li jkun;*

*Illi, madankollu, dak il-piż jaf il-limitazzjonijiet tiegħu minħabba li, fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli specjali dwar dak li jsehh meta ħaddiem jew terza persuna ggarrab incident bhal dak. Bit-tħaddim tar-regoli generali tal-ligi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwiegeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija ghal incident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuragni jew b'rieda, ikun hu nnifsu gab l-effetti tal-incident b'idejh;" (Ara ukoll App.Civ fl-ismijiet* ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd*** *deciza fid-9 ta' Jannar, 2009)."*

Inghad ukoll fid-decizzjoni **Fenech et. vs Chairman tal-Malta Drydocks et.** deciza fit-3 ta' Dicembru, 2010 u dan ukoll dwar ir-responsabilitajiet ta' min ihaddem versu l-haddiema tieghu illi:

"*Dwar in-natura tad-dmir impost fuq min ihaddem, il-Qrati taghna ripetutament jinsistu fuq id-dmir ta' min ihaddem li jipprovdi 'a safe place of work', izda rari kienu jidhlu fil-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' min ihaddem li hekk jipprovdi jkunx agir bi ksur ta' obbligu kontrattwali jew agir delitwali. Li hu zgur hu li l-Qrati dejjem jitkellmu fuq 'doveri' u 'obbligazzjonijiet' ta' min ihaddem, bhalikieku fuq dan hemm rabta kuntrattwali mal-haddiem li jipprotegieh. Fil-kawza Sultana v. Spiteri, deciza mill-allura Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' Mejju 1979, gie osservat li min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragjonevoli ta' sigurezza ghal min ikun qed jahdem, obbligu specifiku u determinat li donnu johrog mill-isfera tal-kuncett ta' neminem laedere, involut fir-responsabbilta` taht delitt u kwazi-delitt. IlQrati taghna espandew fuq dan l-obbligu ta' min ihaddem, u jinsistu fuq id-dover tieghu li jipprovdi attrezzi u makkinarju sikur, post tax-xoghol nadif u hieles minn perikolu, stharrig u supervizjoni tal-haddiema, manutenzjoni regolari fuq kull bicca magna, u diversi obbligi relatati marbuta man-natura tax-xoghol (ara, per ezempju, il-kawza Galea v. Meilaq noe, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 2007). Intqal ukoll li huwa dmir ta' min ihaddem "to provide a safe system of work, and that in planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work" – Borg v. Wells noe, deciza mill-allura Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru 1981. Minn dan jidher li malli jigi iffirmat kuntratt ta' impieg bejn min ihaddem u l-haddiem, jitwieled*

*f'talewwel obbligu li jiehu hsieb l-inkolumita tal-haddiem, b'mod li dan lobbligu jista' jitqies bhala parti mit-termini tal-istess kuntratt."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz tal-lum, jigi osservat li –

1. Ma giex negat mill-konvenuti li huma kienu poggew certa pressjoni fuq l-attur biex iwettaq it-tiswijiet fuq il-forma mill-aktar fis minhabba li kellhom bzonnha ghal progetti li kienu nvoluti fihom. Apparti l-attur, dan il-fatt gie konfermat ukoll mill-*foreman* tas-socjeta' konvenuta Zrar Ltd Mario Cutajar li ammetta hekk[19] –

*"Nghid li dak iz-zmien kien hemm domanda kbira biex isiru xoghlijiet mghagglin."*

Il-fattur tal-urgenza tax-xoghlijiet ta' tiswija mela ma jistax jigi njorat.

2. Minkejja l-urgenza, u ftit hin wara li l-attur inghata l-istruzzjonijiet mill-imghallem tieghu biex jahdem fuq il-forma in kwistjoni, l-attur intbaghat jahdem ghal certu hin gewwa s-Siggiewi b'dana li ftit wara li rritorna fuq il-lant tax-xoghol, il-welders l-ohra shabu kienu spiccaw il-gurnata tax-xoghol taghhom, u l-istess bhal maggor parti tal-haddiema l-ohra, telqu lejn id-dar. L-attur baqa' wahdu jahdem fil-garaxx;

3. Is-socjetajiet konvenuti jirrikonoxxu li l-prattika tajba tax-xoghol kienet tirrikjedi li jkun hemm l-ghajnuna biex tinfetah il-bieba tal-forma u dan minhabba l-piz taghha. Fil-fehma tal-Qorti allura, la l-konvenuti kienu jafu b'dan il-fatt, kien jinkombi fuqhom li jipprovdu huma lill-attur bl-ghajnuna biex ikun jista' jaghmel dan. Dan aktar u aktar la huma riedu li x-xoghol jitlesta bla dewmien;

4. Huwa kontro-sens li s-socjetajiet konvenuti jippruvaw issa jitfghu ir-responsabilta' fuq l-attur bl-iskuza li kien hu li missu talab l-ghajnuna meta kienu huma stess li qabbduh jaghmel dan ix-xoghol, huma stess irrikonoxxew li dan kellu jsir minn iktar minn persuna wahda biex imbaghad ihalluh wahdu u ma jassikurawx huma li jkollu l-ghajnuna mehtiega f'hin meta l-maggor parti tal-haddiema kienu diga' telqu lejn id-dar. Dan aktar u aktar meta l-haddiema li xehdu u li kienu ghadhom fuq il-lant tax-xoghol fil-hin tal-incident, kollha kienu ghaddejjin bix-xoghol rispettiv taghhom. Anke l-foreman Mario Cutajar li sa xi hin qabel kien fl-istess garaxx jahdem, minkejja li ra lill-attur jahdem wahdu, u kien jaf x'qed jaghmel, xorta telaq lejn l-ufficcju x'hin sar il-hin. L-attur jghid hekk[20]-

[19] Fol 45A u 45B
[20] Fol 66

*"Nghid li l-foreman malli saru 3.45pm nizel lejn l-ufficcju jirranga l-karti u telaq. Qed nigi mistoqsi jekk qallix xi haga jew tanix xi struzzjonijiet qabel telaq nghid li le, ma qalli xejn."*

U allura realistikament u fil-prattika l-attur ma jistax jinghad li kellu fuq min idur bhala haddiema inkluz ghall-uzu tal-*forklifter* li, kif ammess minn Edward Mario Bonnici ma setax jintuza jekk l-ewwel ma jitnehhiex minn xi hadd it-trakk li kien jinsab fid-dahla tal-garaxx[21];

5. Fi kwalunkwe kaz huwa ulterjorment ironiku kif il-konvenuti jghidu li l-attur kien imissu talab l-assistenza anke tas-superjuri tieghu meta hemm ukoll nebolozita' dwar l-istruttura anke dwar min kien responsabbli ghal dik li hi sorveljanza tal-haddiema mill-*Management*. Il-Qorti ma tlumx lill-attur meta jghid li ma cempilx lil xi hadd mis-superjuri tieghu ghax ma kienx jaf lil min suppost icempel fic-cirkustanzi biex jitlob assistenza[22]. Mill-provi nfatti rrizulta car li hemm konfuzjoni shiha bejn id-dirigenti tas-socjetatjiet konvenuti stess dwar min suppost kien responsabbli mis-sorveljanza. Hekk filwaqt li Manuel Bonnici, direttur tas-socjetajiet konvenuti xehed li ma kienx f'qaghda jghid il-ghala l-attur ma kellux assistenza fil-hin tal-incident ghax *"dak jiddependi mill-foreman"* u skont hu, il-*foreman* dakinhar kien Mario Cutajar[23], l-istess Cutajar cahad li dakinhar tal-incident huwa kien responsabbli ghax-xoghol li kien qed jaghmel l-attur ghax qal li l-ordni lill-attur biex jaghmel it-tiswijiet kienet inghatat direttament mill-imghallem (Manuel Bonnici)[24]. Addirittura mbaghad il-*plant manager* taz-zewg socjetajiet konvenuti Edward Mario Bonnici[25] indika persuna ohra bhala l-*foreman* responsabbli mill-garaxx fejn kien jahdem l-attur u cioe' Michele Garufi. Izda Michele Garufi cahad li dan kien il-kaz tant qal *"jiena dejjem kont mechanic u mhux foreman[26]."*

**Anke l-haddiema l-ohra li xehedu qalu li ma kinux jafu min kien responsabbli bhala foreman[27].**

Difficilment ghalhekk jigu decifrat lill-liema superjur l-attur kien tenut li jsaqsi ghall-ghajnuna, kif pretiz mill-konvenuti;

6. F'dawn ic-cirkostanzi kollha, il-Qorti tikkonkludi li l-fatt li l-attur ghamel sforz biex ikompli bix-xoghol wahdu bl-ahjar mod li seta' anke sabiex

[21] Fol 156
[22] Xhieda a fol 65
[23] Xhieda a fol 55B
[24] Xhieda a fol 45B
[25] Affidavit a fol 97 u xhieda a fol 150 et seq
[26] Xhieda a fol 137
[27] Xhud Carmelo Cassar a fol 116, Xhud Joseph Tabone a fol 126

jottempra ruhu mal-esigenzi u t-*time contraints* tal-konvenuti mill-aktar fis minkejja li l-welders l-ohra kienu telqu m'ghandhiex issa timmilita kontrih. Ghal kull buon fini jidher li din ma kinitx l-ewwel darba li l-attur kien kostrett jaghmel il-manuvra tal-ftuh tal-forom wahdu[28]. U kuntrarjament ghall-impressjoni li jippruvaw jaghtu s-socjetajiet konvenuti, l-ghajnuna ghall-haddiema mhijix awtomatika. Anzi, kif xehed il-foreman Mario Cutajar[29], mhux biss fil-*precast "helpers m'ghandhomx*[30]*"* talli lanqas meta tintalab l-ghajnuna ma hemm garanzija li din tinghata ghax din tiddependi mill-*availability*[31]. Jirrizulta ukoll illi l-istess attur ighid li fuq il-lant ma kien hemm hadd presenti mis-superjuri tieghu fil-hin tax-xoghol li kkaguna s-sinistru u jzid *"Mistoqsi jekk stajtx incempel lil xi hadd mis-superjuri nghid li le ma nafx lil min ridt incempel*[32]*"*. F'dan il-kuntest il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li mhuwhiex sufficjenti ghas-socjetajiet konvenuti li jibghatu lill-haddiema ghall-korsijiet dwar sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol, u jipprovduhom b'ilbies protettiv jekk imbaghad ma joperawx struttura li tiggarantixxi sapport kontinwu ghall-haddiema biex jissalvagwardjaw is-sahha u s-sigurta' taghhom;

7. Inoltre u f'kull kaz, il-fatt li l-attur ipprova jiftah il-bieba wahdu ghax kif qal hu *"hsibt li stajt niftahha wahdi*[33]*"* ma tammontax ghal agir ta' negligenza grassa jew traskuragni ghax hu kien sempliciment qieghed jipprova jesegwixxi xoghlu billi jaghmel manuvra li fil-passat gia kien kostrett jaghmel wahdu u dan minghajr incident, anke jekk b'certu riskju. Ma jirrizultax lanqas minn imkien li dan l-agir tieghu fil-passat gie reprimand mid-datturi ta' l-impieg tieghu basta l ghan kien qed jigi milhuq.

Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet kollha l-konkluzjoni tal-Qorti hi li l-incident in dezamina sehh minhabba li, bi ksur tal-obbligi taghhom skont il-ligi, s-socjetajiet konvenuti fil-hin tal-incident ma kinux qeghdin jiggarantixxu lill-attur *a safe system of work* u dan billi la pprovdew sorveljanza u lanqas ghajnuna fl-ezekuzzjoni tax-xoghol li huma assenjawlu, xoghol li huma stess kienu jafu li kien ta' certu portata u anke riskju, b'dana li huma kellhom id-dover li ma jhalluhx wahdu specjalment meta ftit li xejn kien fadal haddiema fuq il-lant tax-xoghol.

[28] Fol 66
[29] Xhieda a fol 45B
[30] Fol 45B
[31] Xhieda a fol 45B
[32] Fol 65
[33] Fol 66

Ghaldaqstant il-Qorti tasal biex taqbel mal-attur li huma s-socjetajiet konvenuti li solidalment bejniethom ghandhom jinzammu responsabbli ghall-incident mertu tal-proceduri odjerni.

**L-ewwel talba tal-attur ghalhekk sejra tigi milqugha.**

Ghall-istess ragunijiet, l-ewwel eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti qeghda tigi respinta.

## D. LIKWIDAZZJONI U HLAS TA' DANNI

Il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkonsidra t-tieni u t-tielet talba tal-attur dwar il-likwidazzjoni u hlas ta' danni.

**L-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili** (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi–

*"**1045.** (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

Fis-sistema taghna, id-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (*damnum emergens*) u kemm dawk li jolqtu telf ta' qliegh futur (*lucrum cessans*).

Fil-kaz **Joseph Zammit vs Joseph Bonello deciz fil-25 ta' Frar 2016**[34] din il-Qorti diversament preseduta gabret rassenja tal-principji generali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-gurisprudenza matul is-snin:

[34] Rik Gur 836/01LSO

*"Illi tali regoli gew supplementati u interpretati bil-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija* ***"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"*** *– A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat l-origini ghal hekk imsejha multiplier system, li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar recenti peress li, kif intqal fil-kawza* ***"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"*** *– A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, "ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu." Ghalhekk, il-Qrati taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f' Butler vs Heard. Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi –* ***"Savona vs Asphar"*** *App. Deciz fit-23 ta' Gunju 1952; u li "ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut." ("****Emanuel Mizzi vs Carmel Attard****":- 13.5.2003); u li "dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`." –* ***"Francis Sultana vs John Micallef et noe et"*** *– Appell deciz fl-20 ta' Lulju 1994.*

*Madankollu, fil-kaz* ***"Paul Debono vs Malta Drydocks"*** *P.A. deciza fis-27 ta' April 2015, intqal:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tallucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l nkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti dannegjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja."*

***Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qligh li jinghata d-dannegjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati Taghna f'dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bhala:*

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases." **(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).***

*Ghalhekk gie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-kaz "**Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace**" Appell deciz fil-5 ta' Marzu 1986) gie ribadit li:*

*"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-dannegjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes of life'."*

*Il-multiplier gie definit kif gej:*

*"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (**The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228**).*

*Gie stabbilit li l-mulitplier ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet* ***Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri****) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qeghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu ifixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident*[35]*. Illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji*[36]*.*

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wiehed jaghmel referenza wkoll ghal dak li hu mghallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jinghad li:*

*"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death….." (***Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).***

***Tnaqqis minhabba lump sum payment***

---

[35] *"**Borg pro et noe vs Muscat**" P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.*
[36] *Ara "**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P.A. 16 ta' April 1991); "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon"** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.*

*Illi dwar il-lump sum jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "***Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe***." (P.A. (JSP) deciza fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

*"Fir-rigward ghal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal 'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data."*

*Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz* ***"Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri"*** *deciza fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li –*

*"Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv."*

*Skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz* ***"Jos Agius vs All Services Ltd."*** (P.A. TM 1809/01 *deciza fit-2 ta' Gunju '05) "f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza."*

*Izda, gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawza, dan ghaliex "jekk id-dannegjat ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "***Agius vs Fenech***" P.A. deciza fid-29 ta' Ottubru 2003, "***Sylvester Tabone vs Carmen Abela"*** P.A. deciza fil-25 ta' Novembru 2013 u* ***"Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd***." P.A. deciza fit-12 ta' Novembru 2012).

B'applikazzjoni tal-principji suesposti ghall-kaz odjern:

## a. Damnum Emergens

L-attur prezenta numru ta' ricevuti in konnessjoni mal-incident *de quo* u li taghhom qieghed jitlob ir-rimbors. Dawn l-ircevuti jkopru kemm il-perjodu li fih l-attur kien mar l-Ingilterra sabiex jaghmel l-operazzjoni ta' *total knee replacement*[37] kif ukoll spejjez ohra ta' visti ghand il-konsulent ortopediku tieghu u spejjez relatati mat-terapija ghal irkupptejh[38]. Mill-ircevuti esibiti l-Qorti tqis li dawn l-ispejjez huma kollha relatati ma' u konsegwenzjali ghall-incident tal-11 ta' Gunju 2009, u ghalhekk qeghdin jigu accettati.

**Total: Tlett elef erba' mija u disgha u sebghin Ewro u tlettax il-centezmu (€3,479.13)**

## b. Lucrum Cessans

a. Ghal dak li huwa **persentagg ta' dizabilita'**, il-Qorti sejra tadotta l-persentagg ta' ghoxrin fil-mija (**20%**) indikat mill-espert mediku mqabbad minn din il-Qorti **Mr Massimo Abela.**

b. Dwar **il-multiplier**, min-numru tal-karta tal-identita' tal-attur jirrizulta li fid-data tal-incident l-attur kellu 45 sena[39]. A bazi tac-*chart* citata minn din il-Qorti stess fis-sentenza taghha **Michael Busuttil vs Magdalena Abela deciza fit-30 ta' Mejju 2016**[40] il-multiplier ghandu jkun ta' **15 -il sena** liema multiplier qieghed ukoll jaghmel tajjeb ghall-fattur tac-*chances* u c-*changes of life*.

Kif inghad fil-gurisprudenza citata, l-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dak inhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal ghall-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni. Ghal dak li huwa **salarju** l-Qorti tinnota li mill-FS3s esibiti[41] kemm ghal

[37] Fol 14 et seq
[38] Fol 74 et seq
[39] Fol 13
[40] Rik Gur 118/14
[41] Fol 15, 26 u 27

dak li jirrigwarda l-qliegh principali kif ukoll mill-impjieg *part time*, huwa kien jaqla' €14, 878.52 u €900 rispettivament ghal total ta' €15,778.52 li ghal fini ta' *multiplikand* se zzidhom ghal €16,000 biex jaghmlu tajjeb għaż-żidiet fl-għoli tal-ħajja tul iż-żmien li ser jintuża bħala *multiplier*.

Il-kalkolu ghalhekk se jsir fuq is-somma ta' **sittax il-elf Ewro (€16,000).**

> Ghal dak li jirrigwarda t-tnaqqis minhabba li l-hlas ser isir f'daqqa (***lump sum payment***), il-Qorti fl-ewwel lok tinnota li l-kawza nfethet sentejn wara l-incident u s-sentenza sejra tinghata ftit aktar minn sitt snin wara li gew intavolati dawn il-proceduri. Ma jirrizultax li kien hemm dilungar inutili mill-partijiet. Fic-cirkustanzi l-Qorti tqis li **t-tnaqqis ghandu jkun ta' 8%.**

L-ammont dovut lill-attur bhala ***lucrum cessans*** sejjer ghalhekk jigi kalkulat kif gej: €16,000 x 20% x 15 = €48,000 – 8% **= €44,160**

**TOTAL Damnum Emergens u Lucrum Cessans = Sebgha u erbghin elf sitt mija u disgha u tletin Ewro u tlettax il-centezmu (€47, 639.13)**

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' t-tieni u t-tielet talba tal-attur kif appena deciz u ghall-istess ragunijiet tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

**1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha taz-zewg socjetajiet konvenuti;**

**2. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara li s-socjetajiet konvenuti huma unikament responsabbli ghall-incident li sehh fuq il-post tax-xoghol nhar il-11 ta' Gunju 2009, f'liema ncident korra l-attur;**

**3. Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tillikwida s-somma ta' Sebgha u erbghin elf sitt mija u disgha u tletin Ewro u tlettax il-centezmu (€47, 639.13) bhala danni sofferti minnu kawza tal-istess incident;**

**4. Tilqa' t-tielet talba tal-attur u tordna lis-socjetajiet konvenuti ihallsu s-somma hekk likwidata solidalment bejniethom;**

**5. L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu a karigu tas-socjetajiet konvenuti solidalment bejniethom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**